# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar iT-Tlieta 15 ta' Mejju, 2001

### Avviz numru : 41/00G2(PC)

**Media Pro Limited .**

**Vs**

**Gramieri Development Ltd .**

**Il-Qorti ;**

**Rat l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex ma ghandhiex tigi kkundannata minn din il-Qorti thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija tlieta u sittin liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm663.38) dovuti mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici ghal riklamar tar-restaurant "Four Seasons" fuq il-gurnal "Welcome Magazine" u ghal servizzi relatati (kif jidher fil-fatturi annessi u markati dokumenti A, B u C) moghtija u mibjugha mis-socjeta' attrici u accettati mis-socjeta' konvenuta; bl-imghax kummercjali mid-dati tal-fatturi rispettivi u bl-ispejjez kontra is-socjeta' konvenuta inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru u tal-mandat ta' qbid prezentati kontestwalment ma' dan l-avviz fl-istess ismijiet; u bl-ingunzjoni tas-socjeta' konvenuta ghas-subizzjoni .**

**Rat id-dokumenti annessi ma' l-istess avviz .**

**Rat ir-riferta pozittiva tas-socjeta' konvenuta li ggib id-data tat-22 ta' Gunju tas-sena elfejn .**

**Innutat illi minkejja li l-istess socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-avviz, hadd ma deher ghall-istess socjeta' konvenuta .**

**Semghet lil Dr. Mario Scerri ghan-nom tas-socjeta' attrici jikkonferma li l-ammont mitlub fl-avviz ghadu kollu dovut .**

**Il-Qorti ghal hekk, u peress li jidhrilha li t-talba attrici hija gustifikata, tiddecidi l-kawza billi tilqa' l-istess talba attrici, tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ndikata fl-avviz u cioe' s-somma ta' sitt mija tlieta u sittin liri maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm663.38), dovuti kif indikat fl-istess avviz; bl-imghax mid-data tal-fatturi rispettivi sad-data tal-pagament effettiv, bl-ispejjez tal-kawza, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru u tal-mandat ta' qbid, prezentati kontestwalment ma' dan l-istess avviz, kollox kontra s-socjeta' konvenuta .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur .**

Si4100Pc
325